IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.12.2017
COM(2017) 727 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

## dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE u r-rapporti finali dwar il-leġiżlazzjoni preċedenti tagħha

# 1. Introduzzjoni

## i. Kuntest

Id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali[1] (IED) hi l-istrument legali primarju tal-UE li jirregola l-emissjonijiet industrijali u għandha l-għan li tikseb benefiċċji sinifikanti għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem, b'mod partikolari permezz tal-applikazzjoni obbligatorja tal-Aqwa Tekniki Disponibbli (BAT). Is-setturi fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-IED jirrappreżentaw sehem konsiderevoli mit-tniġġis kumplessiv (l-emissjonijiet fl-arja u fl-ilma u l-ġenerazzjoni tal-iskart) fl-Ewropa. Hu stmat[2] li dawn jirrappreżentaw madwar 23% tal-emissjonijiet fl-arja skont il-massa. Għall-emissjonijiet fl-ilma, is-sitwazzjoni hi inqas ċara, iżda hu stmat li dawn jirrappreżentaw 20 sa 40% tal-emissjonijiet ta' metalli tqal u 30 sa 60% tal-inkwinanti apparti n-nutrijenti u l-karbonju organiku.

Is-7a Programm ta' Azzjoni Ambjentali[3] jistenna li l-użu tal-BAT mill-industrija skont l-IED se jwassal għal xejriet imtejba fl-użu tar-riżorsi u għal emissjonijiet imnaqqsa għall-istallazzjonijiet industrijali ewlenin tal-UE u, b'hekk, ikun qed jagħmel kontribut sinifikanti biex jiġi stimolat l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi, ikun hemm approċċ iktar ekoloġiku lejn l-ekonomija u jitnaqqsu l-ispejjeż għall-industrija iktar fit-tul.

L-IED hi prodott ta' sforzi ta' regolamentazzjoni aħjar hekk kif din għaqqdet, allinjat u ssimplifikat diversi leġiżlazzjonijiet differenti. Hi strument integrat u d-dispożizzjonijiet tal-permessi tagħha jieħdu post is-sistemi l-antiki ta' diversi permessi. Kapitolu minnhom ikopri l-qafas għall-għoti ta' permess u l-BAT, filwaqt li oħrajn fihom regoli speċjali għal setturi ewlenin, b'mod partikolari impjanti kbar tal-kombustjoni, impjanti tal-(ko)inċinerazzjoni tal-iskart u stallazzjonijiet li jużaw solventi organiċi.

Id-Dokumenti ta' referenza tal-BAT (BREFs) huma mħejjija mill-Uffiċċju Ewropew tal-Prevenzjoni u tal-Kontroll Integrati tat-Tniġġis (EIPPCB) taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea. Dan il-proċess eżemplari jinvolvi l-parteċipazzjoni sħiħa tal-partijiet ikkonċernati kollha fi proċess imsejjes fuq l-evidenza f'konformità mar-Regolamentazzjoni Aħjar. Il-BREFs fihom konklużjonijiet dwar il-BAT li jingħataw saħħa legali bl-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li fihom dawn. Il-konklużjonijiet dwar il-BAT jipprovdu l-qafas tal-BAT għal kull settur li jrid jiġi kkunsidrat mill-Awtoritajiet Kompetenti meta joħorġu l-permessi.

L-IED teħtieġ li l-ewwel il-Kummissjoni tirrapporta lill-Kunsill u lill-Parlament dwar il-fażi inizjali tal-implimentazzjoni u, wara din, kull tliet snin. Dan ir-rapport jiġbor fil-qosor ir-rapporti tal-Istati Membri li jkopru l-fażi inizjali tal-implimentazzjoni (2013) u jispjega xogħol assoċjat ieħor li twettaq, ir-rieżamijiet tal-attivitajiet relatati attwali tal-Kummissjoni u jħares 'il quddiem lejn il-ġejjieni.

Bħala l-ewwel rapport tal-Kummissjoni skont l-IED, dan ikopri wkoll ir-rapporti finali mill-Istati Membri taħt il-leġiżlazzjoni preċedenti.

---

[1] Id-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis); ĠU L 349, 19.12.2012, p. 57–65

[2] 'Contribution of industry to pollutant emissions to air and water'; AMEC; Settembru 2014; ISBN 978-92-79-39499-7

[3] Id-Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-20 ta' Novembru 2013 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna"; ĠU L 354, 28.12.2013, p. 171-200

## 2. Ir-rapportar mill-Istati Membri dwar il-leġiżlazzjoni preċedenti

Ir-rapporti mill-Istati Membri dwar il-leġiżlazzjoni preċedenti ġew ivvalutati u s-sommarji tagħhom ġew ippubblikati fuq CIRCABC[4].

### i. Id-Direttiva dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis (IPPCD)

Ir-rapporti finali skont l-IPPCD[5] ġew sottomessi mill-Istati Membri għall-aħħar perjodu ta' rapportar tagħhom li jkopri s-snin 2012-2013. L-Istati Membri kollha wieġbu ħafna mill-kwestjonarju, filwaqt li pprovdew biżżejjed data biex jivvalutaw u jikkummentaw dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva. B'kollox, l-Istati Membri rrapportaw 51 528 stallazzjoni tal-IPPC li kienu qed joperaw fi tmiem l-2013. L-attività ewlenija rrapportata tagħhom hi murija fil-figura ta' hawn taħt (din tkopri biss l-UE27 peress li l-Kroazja saret Stat Membru f'nofs l-2013).




Il-maġġoranza tal-Istati Membri ma rrapportat ebda tibdil fl-implimentazzjoni tal-IPPCD sa mill-aħħar perjodu ta' rapportar. It-tibdiliet irrapportati kienu relatati l-iktar mat-traspożizzjoni u mal-implimentazzjoni tal-IED. Ċerti Stati Membri rrapportaw ukoll diffikultajiet minħabba l-koordinazzjoni tal-proċeduri tal-permessi meta kienet involuta iktar minn Awtorità Kompetenti waħda fil-proċess tal-permessi.

### ii. Direttiva dwar l-Impjanti Kbar tal-Kombustjoni (LCPD)

Sehem sostanzjali mill-emissjonijiet ta' $SO_2$, ta' $NO_X$ u ta' trab fl-arja kif ukoll ta' inkwinanti oħra bħall-merkurju joriġina minn Impjanti Kbar tal-Kombustjoni (IKK). Qabel l-IED, l-IKK

[4] CIRCABC>environment>IED>Library>Studies> Article 73 review reports>Final reports

[5] Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/1/KE dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis

kienu soġġetti għal leġiżlazzjoni speċifika, l-LCPD[6]. L-IED ħadet post l-LCPD u stabbiliet Valuri Limitu tal-Emissjonijiet (VLE) iktar stretti.

L-LCPD ippermettiet lill-Kummissjoni titlob data dwar l-emissjonijiet minn IKK ta' kull sena. Mis-sena ta' rapportar tal-2013, l-Istati Membri rrapportaw data annwali dwar l-emissjonijiet f'bażi tad-data ġestita mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent[7]. Il-Kummissjoni qed tkompli tfittex opportunitajiet biex tallinja u tissimplifika l-obbligi ta' rapportar. Illustrazzjoni minnhom hi l-prepopolazzjoni tal-bażi tad-data tal-IKK b'identifikaturi għal dawk l-impjanti użati għar-Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti[8] u l-ħolqien ta' links għad-data sottomessa qabel għall-impjant. L-aħħar sena ta' rapportar disponibbli hi l-2015. Id-data annwali skont l-impjanti tinkludi l-emissjonijiet ta' $SO_2$, ta' $NO_X$ u ta' trab, flimkien mad-dħul totali ta' enerġija, b'rabta mal-valur kalorifiku nett, diżaggregata skont it-tip ta' fjuwil. Mis-sena ta' rapportar 2016, ir-rapportar tal-IKK skont l-LCPD hu sostitwit bir-rapportar skont l-IED li jeħtieġ informazzjoni iktar dettaljata.

### iii. Id-Direttiva dwar l-Inċinerazzjoni tal-Iskart (WID)

Ir-rapporti finali skont id-WID[9] ġew sottomessi mill-Istati Membri għall-aħħar perjodu ta' rapportar tagħhom li jkopri s-snin 2012-2013. B'mod ġenerali, ma ġiet identifikata ebda problema maġġuri fl-operat tagħha.

### iv. Id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet ta' Solventi (SED)

Ir-rapporti finali skont l-SED[10] ġew sottomessi mill-Istati Membri għall-aħħar perjodu ta' rapportar tagħhom li jkopri s-snin 2012-2013. Huma koperti madwar 50 000 stallazzjoni, għad li hemm xi inċertezza dwar in-numru preċiż. B'mod ġenerali, ma ġiet identifikata ebda problema maġġuri fl-operat tagħha, għad li ġew identifikati xi problemi relatati mar-rapportar tad-data ta' monitoraġġ mill-operaturi.

### Konklużjonijiet rigward il-leġiżlazzjoni preċedenti

Ma tqajmet ebda kwistjoni maġġuri fil-konformità mal-leġiżlazzjoni preċedenti. Minkejja dan, ftit kwistjonijiet imsemmija b'rabta mal-IPPCD jistgħu jirrikjedu investigazzjoni ulterjuri. Minkejja t-titjib, il-livell ta' informazzjoni rrapportata baqa' mhux komplut, b'mod partikolari d-data numerika marbuta man-numru ta' spezzjonijiet (eż. in-numru totali ta' stallazzjonijiet li fihom saru żjarat, in-numru ta' żjarat inkluż il-kejl tal-emissjonijiet). Dan jista' jkun dovut f'parti minnu għall-mod kif tqiegħed il-kliem fil-mistoqsijiet, li jidher li nftiehem b'mod differenti mill-Istati Membri.

Diversi Stati Membri rrapportaw nuqqas ta' persunal li jieħu ħsieb kompiti relatati mal-implimentazzjoni tal-IPPCD, minbarra restrizzjonijiet finanzjarji għar-reklutaġġ u għat-taħriġ tal-persunal tal-Awtorità Kompetenti. Dan jista' jkun marbut mal-ħidma relatata mat-tranżizzjoni mill-IPPCD għall-IED u, għalhekk, hu possibbli li issa l-Awtoritajiet Kompetenti ser ikunu jistgħu jlaħħqu aħjar mal-volum ta' xogħol.

---

[6] Id-Direttiva 2001/80/KE dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti tniġġis fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni

[7] Ara: http://www.eea.europa.eu/data-and-maps/data/lcp

[8] Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE

[9] Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/76/KE dwar l-inċinerazzjoni ta' skart

[10] Id-Direttiva 1999/13/KE dwar il-limitazzjoni ta' emissjonijiet ta' taħlit volatili organiku minħabba l-użu ta' solventi organiċi f'ċerti attivitajiet u stallazzjonijiet

Ġew irrapportati xi diffikultajiet b'rabta mal-interpretazzjoni tad-definizzjonijiet, li wasslu għal mistoqsijiet dwar jekk l-istallazzjonijiet ikunux jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-IPPCD wara li jkunu għalqu parti mill-proċess (għeluq parzjali tal-istallazzjoni) jew ikunu naqqsu b'mod permanenti l-kapaċità ta' produzzjoni tagħhom.

Kwistjoni importanti oħra li kienet teħtieġ titjib kienet il-grad ta' użu tal-BAT. Din ġiet indirizzata bl-introduzzjoni tal-obbligu li jiġu aġġornati l-permessi b'konformità mal-konklużjonijiet dwar il-BAT fl-IED.

## 3. Implimentazzjoni tal-IED

### i. L-istatus tat-traspożizzjoni tal-IED

Il-Kummissjoni rċiviet il-leġiżlazzjoni kollha tat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri, u vvalutat il-kompletezza tat-traspożizzjoni.

Il-Kummissjoni vvalutat ukoll il-konformità mal-IED tal-miżuri ta' traspożizzjoni adottati mill-Istati Membri kollha. Meta ġiet identifikata traspożizzjoni ambigwa jew żbaljata, il-Kummissjoni daħlet fi djalogi bilaterali mal-Istati Membri kkonċernati. Sal-lum tnedew wieħed u għoxrin djalogu bħal dan.

### ii. Rapportar mill-Istati Membri

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/795/UE[11] ("id-Deċiżjoni") tistabbilixxi d-dettalji li l-Istati Membri huma meħtieġa jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-IED. L-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni jistabbilixxi r-rekwiżiti li jridu jiġu trażmessi lill-Kummissjoni sa Settembru 2014, filwaqt li l-Anness II jiddefinixxi l-informazzjoni meħtieġa sa Settembru 2017.

Id-Deċiżjoni tistabbilixxi objettiv għar-rapportar elettroniku mill-Istati Membri. Biex tiffaċilita dan, il-Kummissjoni ħarġet kuntratti għax-xogħol fuq l-għodod neċessarji għar-rapportar elettroniku. Fid-dawl tad-diversi sfidi affaċċjati, hemm dewmien fl-eżekuzzjoni ta' dawn il-proġetti u, konsegwentement, ir-rapportar skont il-Modulu 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni hu ttardjat b'sena mit-30 ta' Settembru 2017 għat-30 ta' Settembru 2018. Għall-Moduli 1, 3 u 4, ir-rapportar hu ttardjat sa Frar 2018.

L-Istati Membri ssottomettew l-informazzjoni meħtieġa mill-Anness I tad-Deċiżjoni. Dawn id-dokumenti ġew ivvalutati u ġie ppubblikat rapport ta' sinteżi[12]. Filwaqt li l-Istati Membri kollha apparti l-Finlandja wieġbu, il-livell ta' dettall varja ħafna. Ċerti tweġibiet irreferew biss għat-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni filwaqt li oħrajn kienu dettaljati u komprensivi. B'mod ġenerali, ġiet ipprovduta xi informazzjoni siewja dwar il-proċessi u l-passi meħuda favur l-implimentazzjoni proprja tal-IED. Dawn jinkludu informazzjoni dwar il-kriterji użati għall-verifika tan-nuqqas ta' konformità, l-approċċi differenti għall-iżgurar li jintużaw il-konklużjonijiet tal-BAT fl-issettjar ta' kundizzjonijiet għall-permessi u dettalji tal-pjanijiet ta' spezzjoni ambjentali.

Hi mistennija li tinġabar ħafna iktar informazzjoni fil-perjodu ta' rapportar li jmiss (li jkopri l-perjodu 2014-2016) peress li l-konklużjonijiet dwar il-BAT qed jiġu adottati settur settur u

[11] Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Diċembru 2012 li tistabbilixxi t-tip, il-format u l-frekwenza tal-informazzjoni li għandhom jagħmlu disponibbli l-Istati Membri għall-finijiet tar-rappurtar dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali; ĠU L 349, 19.12.2012 p.57

[12] Ara n-nota 2 f'qiegħ il-paġna.

l-Istati Membri ser ikunu f'pożizzjoni li jipprovdu iktar dettalji dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni prattika.

Il-Kummissjoni issa bdiet bir-riflessjonijiet dwar l-obbligi ta' rapportar għall-perjodu ta' wara l-2016. Dan ser iqis it-tibdil fir-rapportar elettroniku u t-tagħlimiet meħuda s'issa. L-Istati Membri ntalbu jaqsmu l-fehmiet inizjali tagħhom dwar l-obbligi ta' rapportar futuri u l-Kummissjoni tistenna li tipproponi Deċiżjoni ta' rapportar ġdida daqt li tqis l-approċċ spjegat fil-komunikazzjoni dwar il-kontroll tal-idoneità tar-rapportar ambjentali[13] u timassimizza s-sinerġiji mal-E-PRTR.

### iii. BREFs

L-impjanti kollha li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu II tal-IED huma obbligati mir-rekwiżiti ta' din li japplikaw il-BAT. Il-BREFs huma ċentrali għall-iżgurar li l-BAT ikunu jistgħu jiġu identifikati b'mod ottimali fil-livell tal-UE. Dawn jipprovdu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u jiffrankaw lill-Istati Membri milli jkollhom iwettqu l-valutazzjonijiet tagħhom stess tal-BAT biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont l-IED. Bħalissa hemm 31 BREFs u żewġ dokumenti ta' referenza li jkopru l-attivitajiet fl-Anness I tal-IED. S'issa, 13 minn dawn il-BREFs ġew aġġornati skont l-IED.

Il-format tal-BREFs ġie stabbilit taħt l-IPPCD. Minbarra estensjoni tas-setturi koperti, it-tibdil ewlieni mill-IPPCD għall-IED kien formalizzazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-partijiet ikkonċernati biex jiġu identifikati l-BAT (imsejħa wkoll bħala l-"proċess ta' Sivilja"). Il-konklużjonijiet dwar il-BAT huma l-element prinċipali tal-BREFs peress li dawn jiddeskrivu l-BAT u fihom Livelli ta' Emissjonijiet Assoċjati vinkolanti (BAT-AELs) marbuta mal-użu tagħha. Dawn huma adottati permezz ta' proċedura ta' kumitat li warajha l-Kummissjoni tadottahom bħala deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni. Il-konklużjonijiet dwar il-BAT huma r-referenza għall-Awtoritajiet Kompetenti li jistabbilixxu kundizzjonijiet tal-permessi għal stallazzjonijiet koperti mill-IED. Dawn jipprovdu informazzjoni lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet dwar it-tekniki rilevanti li huma ekonomikament vijabbli u teknikament disponibbli għall-industrija biex itejbu r-rendiment ambjentali tagħhom.

Iċ-ċart ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn in-numru kumulattiv ta' konklużjonijiet dwar il-BAT adottati minn mindu daħlet fis-seħħ l-IED u n-numru kumulattiv approssimat ta' stallazzjonijiet li ser ikunu affettwati minnhom. Il-konklużjonijiet dwar il-BAT adottati sal-lum ikopru iktar minn nofs l-istallazzjonijiet tal-IED.

[13] Azzjonijiet għas-Simplifikazzjoni tar-Rappurtar Ambjentali; COM(2017) 312




Il-paragrafi ta' hawn taħt jipprovdu ħarsa ġenerali qasira lejn il-kwistjonijiet ewlenin relatati mal-BREF.

Ħarsa ġenerali lejn il-proċess u l-parteċipazzjoni

L-istatus vinkolanti tal-BAT-AELs li jinsabu fil-konklużjonijiet dwar il-BAT fisser li l-proċess ta' skambju ta' informazzjoni għall-ġenerazzjoni tal-BREFs sar iktar iffokat fuq il-ġbir u l-evalwazzjoni tal-informazzjoni mmirata biex tiddetermina l-livelli ta' rendiment ambjentali miksuba mill-impjanti eżistenti. L-iskambju ta' informazzjoni teknika għal kull BREF iseħħ fi Grupp ta' Ħidma Tekniku (TWG), li jinkludi fih l-Istati Membri, l-industriji kkonċernati, NGOs ambjentali u l-Kummissjoni. It-TWG hu mmexxi u medjat mill-EIPPCB. Il-proċeduri li jridu jiġu segwiti u elementi oħra tal-proċess huma deskritti f'dettall f'Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni[14] adottata skont l-IED.

Il-kunfidenzjalità

Jistgħu jqumu kwistjonijiet relatati mal-kunfidenzjalità matul il-proċess tal-BREF. Fil-prinċipju, ir-regoli tal-UE dwar it-trasparenza fi kwistjonijiet ambjentali[15], ibbażati fuq il-Konvenzjoni ta' Aarhus[16], joħolqu dritt b'saħħtu ta' aċċess għal informazzjoni ambjentali. Madankollu, l-informazzjoni pprovduta mill-industrija fuq bażi industrijali jista' jkollha sensittività kummerċjali. F'konformità mal-obbligu ta' segretezza professjonali, li wkoll isegwi mill-Artikolu 339 tat-TFUE[17], l-aggregazzjoni jew l-anonimizzazzjoni ta' ċerta informazzjoni tista' tkun neċessarja, dment li ma tkunx marbuta direttament mal-emissjonijiet fl-ambjent, f'liema każ jitqies li jeżisti interess pubbliku prevalenti fid-divulgazzjoni u fit-

[14] Id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/119/UE li tistipula r-regoli rigward gwida dwar il-ġbir tad-dejta u t-tfassil tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT u dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità tagħhom imsemmija fid-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali; *ĠU L 63, 2.3.2012, p. 1-39*

[15] Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13

[16] Il-konvenzjoni tan-NU/KEE dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali tal-25 ta' Ġunju 1998 u approvata mill-Komunità fis-17 ta' Frar 2005

[17] It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; ĠU C 326, 26.10.2012, p. 47–390

trasparenza. L-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri, li huma marbuta bir-regoli dwar is-segretezza professjonali, jenħtieġ li jkollhom aċċess għat-tali informazzjoni meta din tkun tikkonċerna stallazzjonijiet fit-territorju tagħhom.

Regolamentazzjoni Aħjar

Il-"proċess ta' Sivilja" li hu l-bażi tal-iżvilupp tal-BREFs hu proċess tekniku uniku, inklużiv u bbażat fuq il-fatti. Id-data tinġabar permezz ta' kwestjonarji estensivi u mbagħad tiġi vvalutata u vverifikata mal-partijiet ikkonċernati kollha. It-TWG iqassam id-dokumenti, jikkummenta dwarhom u jagħmel evalwazzjoni bejn il-pari tagħhom bi trasparenza sħiħa. Il-valwazzjonijiet pożittivi juru meta jkunu ġew introdotti tibdiliet. Il-konklużjonijiet finali jiġu miftiehma b'kunsens fi ħdan it-TWG. Meta jkun hemm opinjonijiet diverġenti, dawn jiġu rrapportati wkoll fil-BREF finali b'konformità mal-kriterji speċifikati fil-gwida dwar il-proċess ta' skambju ta' informazzjoni. Il-Kummissjoni temmen li dan l-approċċ kollaborattiv, filwaqt li mhux bilfors ikun fattibbli fl-oqsma l-oħra kollha, hu eżempju eċċellenti tar-Regolamentazzjoni Aħjar fil-prattika.

Kwistjonijiet Ambjentali Ewlenin

Ir-rieżamijiet tal-BREF jiffokaw fuq l-oqsma fejn se jinkiseb l-ikbar benefiċċju, l-hekk imsejħa "Kwistjonijiet Ambejntali Ewlenin" (KEIs). Dan jiżgura l-aħjar eżitu ambjentali għall-isforzi mwettqa fil-proċess. Il-Kummissjoni pproponiet kriterji għall-identifikazzjoni tal-KEIS[18] li ġew approvati mill-Forum tal-Artikolu 13 tal-IED. Dawn huma: ir-rilevanza ambjentali tat-tniġġis; is-sinifikat tal-attività; il-potenzjal li jiġu identifikati tekniki ġodda li jtejbu s-sitwazzjoni b'mod sinifikanti; u l-potenzjal li jiġu ddefiniti BAT-AELs li jtejbu l-ħarsien tal-ambjent b'mod sinifikanti meta mqabbel mas-sitwazzjoni attwali.

L-EIPPCB uża dawn il-kriterji biex iħejji rieżamijiet sussegwenti tal-BREF. Il-Kummissjoni nediet kuntratt ta' servizz biex tkompli tiżviluppa l-metodoloġija u timplimentaha għal numru ta' rieżamijiet pendenti tal-BREF. Dan se jipproduċi dokumenti ta' sfond tal-KEI bħala input għal-Laqgħat tal-Bidu tar-rieżami tal-BREF u jipprovdi bażi solida għad-deċiżjonijiet tat-TWG dwar il-KEIs.

Valutazzjoni tal-proċess ta' skambju ta' informazzjoni

Il-proċess ta' skambju ta' informazzjoni jinsab fil-qalba tal-produzzjoni u tar-rieżami tal-BREF. Dan jiġġenera l-bażi tal-evidenza solida għat-teħid ta' deċiżjonijiet. Fil-każ tal-iktar rieżami estensiv tal-BREF s'issa (dwar l-Impjanti Kbar tal-Kombustjoni), il-grupp ta' ħidma kien jinvolvi 289 membru, imtlew 580 kwestjonarju fil-livell tal-impjanti, saru 24 żjara fuq is-siti, ġew ikkunsidrati 225 rapport u studju tal-każ u ġew indirizzati 8 510 kummenti dwar l-ewwel abbozz.

Fid-dawl tax-xewqa li jissaħħaħ il-funzjonament tiegħu, il-Kummissjoni, flimkien mal-Ministeru tal-Ambjent tal-Ġermanja, organizzat sessjoni ta' ħidma tal-Forum tal-Artikolu 13 tal-IED f'Berlin fl-2014 b'fokus fuq il-proċess ta' skambju ta' informazzjoni tal-IED. Is-sessjoni ta' ħidma kellha attendenza tajba u l-konklużjonijiet maħruġa minnha ġew ippubblikati[19]. Is-sessjoni ta' ħidma tenniet il-valur miżjud għoli tal-UE u l-effiċjenza tal-IED. F'din ġie ssuġġerit xi titjib prattiku li issa qed jiġi implimentat fir-rieżamijiet tal-BREF, eż. l-użu msaħħaħ tal-webinars biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-membri tat-TWG.

---

[18] CIRCABC>Environment>IED>Library>ied_art_13_forum>8th Forum meeting 19 October 2015>Presentations>5.1 Key environmental issues.pdf

[19] CIRCABC>Environment>IED>Library>Berlin workshop on IED information exchange (Oct 2014)

## iv. Promozzjoni tal-konformità u appoġġ għall-implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha l-għan li tappoġġja lill-Istati Membri fl-iżgurar ta' applikazzjoni effettiva tal-IED. Għal dan l-għan, hi twettaq l-attivitajiet li ġejjin:

Sessjonijiet ta' ħidma mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati

Hu siewi li jiġu organizzati laqgħat mal-Istati Membri u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra biex tiġi rieżaminata l-implimentazzjoni tal-IED inkluż l-iżvilupp tal-BREFs u tal-konklużjonijiet tal-BAT. Dawn għandhom il-mertu li jidentifikaw sa minn fażi bikrija l-oqsma fejn jinstabu problemi kif ukoll li jilħqu ftehim dwar l-approċċi futuri komuni.

Is-sessjonijiet ta' ħidma jsiru kif xieraq, bl-Istati Membri biss li jiffokaw fuq l-implimentazzjoni legali jew inkella bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati wkoll meta jiġu diskussi kwistjonijiet usa'. Wara s-sessjoni ta' ħidma ta' Berlin mal-membri kollha tal-Forum, it-tieni sessjoni ta' ħidma f'Copenhagen fl-2016 kienet limitata għar-rappreżentanti tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni qed tippjana li tkompli b'din il-prattika siewja fl-2017 b'sessjoni ta' ħidma għall-Istati Membri fil-Belġju.

Il-messaġġi ewlenin mis-sessjoni ta' ħidma ta' Copenhagen kienu li l-parteċipanti qiesu li din kienet opportunità siewja biex iqabblu l-attivitajiet nazzjonali tagħhom u stiednu lill-Kummissjoni tirrieżamina l-esperjenza eżistenti fir-rigward tal-proċedura ta' deroga skont l-Artikolu 15(4) tal-IED. Ġew ippubblikati l-preżentazzjonijiet u sommarju tas-sessjoni ta' ħidma[20].

Barra minn hekk, isiru iktar sessjonijiet ta' ħidma teknika bil-parteċipazzjoni ta' esperti mill-Istati Membri u ta' partijiet ikkonċernati biex jinġabru l-fehmiet dwar il-proġetti u l-istudji kurrenti. Fl-2017 huma ppjanati sessjonijiet ta' ħidma speċifiċi wkoll dwar it-Tekniki Emerġenti (mal-Belġju u mal-Iżvezja) u dwar il-kontribuzzjoni tal-BAT għall-politika dwar l-ilma (mal-Ġermanja).

Mistoqsijiet Frekwenti

Kompitu importanti għall-Kummissjoni hu li tassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-IED. Għodda minnhom użata għal dan hija l-mistoqsijiet frekwenti (FAQs), li huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni[21].

Il-Kummissjoni qed taħdem biex tespandihom u taġġornahom kif xieraq inkluż dwar numru ta' Mistoqsijiet Frekwenti speċifiċi li l-importanza tagħhom ġiet identifikata matul is-sessjoni ta' ħidma ta' Copenhagen. B'mod partikolari, dawn jindirizzaw suġġetti bħall-użu tal-meded tal-BAT-AELs; meta jridu jiġu rrispettati l-konklużjonijiet dwar il-BAT; u liema konklużjonijiet dwar il-BAT iwasslu għal rikunsiderazzjoni tal-permess.

L-għoti ta' appoġġ lin-netwerks tal-Awtoritajiet nazzjonali Kompetenti

Ir-responsabbiltà ewlenija għall-implimentazzjoni effettiva tar-rekwiżiti tal-IED taqa' taħt l-Awtoritajiet nazzjonali Kompetenti. Il-kompiti tagħhom jinkludu l-ħruġ ta' permessi, il-valutazzjoni tal-VLE xierqa u kundizzjonijiet oħra, filwaqt li jikkunsidraw talbiet ta' deroga u jiżguraw b'mod ġenerali li l-istallazzjonijiet qed jiġu operati kif suppost. Il-Kummissjoni tappoġġja lil dawn l-awtoritajiet bl-għan li jiġu żgurati approċċi komparabbli u armonizzati fil-livell nazzjonali b'konformità mal-leġiżlazzjoni tagħhom.

[20] CIRCABC>env>ied>Library> Copenhagen workshop on Putting the IED into practice (13-14 April 2016)

[21] http://ec.europa.eu/environment/industry/stationary/ied/faq.htm

Il-Kummissjoni tappoġġja l-ħidma tan-Netwerk tal-Unjoni Ewropea għall-Implimentazzjoni u l-Infurzar tal-Liġi Ambjentali (IMPEL) li jmexxi numru ta' proġetti fil-qasam tal-emissjonijiet industrijali[22]. B'mod partikolari dawn huma relatati ma': L-għoti ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-IED IED Baseline Report; Experience of Derogations from IED BAT-AEL's. Il-Kummissjoni tidħol f'kuntatt mal-esperti mill-Istati Membri fi ħdan il-laqgħat tal-proġetti u tagħti importanza lil dan il-qsim tal-għarfien.

L-infurzar

L-approċċ meħud għall-infurzar skont l-IED hu meqjus bħala ferm avvanzat. Dan għaliex hu joħloq drittijiet b'saħħithom għaċ-ċittadini biex dawn ikollhom aċċess għal informazzjoni rilevanti u jieħdu sehem fil-proċess tal-permessi. Dan jagħti s-setgħa liċ-ċittadini, u lill-NGOs, biex jiżguraw li l-permessi jingħataw kif xieraq u li jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tagħhom. Hu ċar li l-Kummissjoni ma tistax tivverifika b'mod attiv kull wieħed mill-50 000 permess, iżda r-residenti lokali għandhom dritt akkwiżit li jiżguraw li dawn ikunu xierqa u li jiġu infurzati.

Ir-responsabbiltà primarja biex jindirizzaw il-ksur taqa' taħt l-Awtoritajiet Kompetenti. Dan hu l-ewwel livell ta' infurzar u hi l-Awtorità Kompetenti rilevanti li trid tiġi kkuntattjata minn ċittadin imħasseb jew minn NGO. Il-proċess ta' rieżami tal-permessi hu importanti wkoll biex jingħataw opportunitajiet perjodiċi għall-ġirien jew għal partijiet affettwati oħra biex iqajmu kwalunkwe tħassib li jista' jkollhom u biex dawn jitqiesu bħala parti mir-rieżami tal-permess.

L-IED toħloq drittijiet biex il-partijiet affettwati jikkontestaw il-kundizzjonijiet tal-permess u jinsistu għal spezzjonijiet ambjentali mhux ta' rutina. Dan l-approċċ għandu l-potenzjal li jixpruna lil eluf ta' ċittadini biex jissorveljaw l-operat tal-leġiżlazzjoni. Il-Kummissjoni tqis li l-korpi amministrattivi jew ġudizzjarji nazzjonali huma primarjament responsabbli biex jivverifikaw sitwazzjonijiet speċifiċi ta' nuqqas ta' konformità u għandhom il-mezzi xierqa biex jindirizzawhom jekk jinstab li t-tħassib hu ġġustifikat. Il-Kummissjoni tintervjeni primarjament f'każ ta' nuqqasijiet sistemiċi, jew meta l-ksur ikollu impatt ambjentali ferm sinifikanti.

### v. Arranġamenti tranżitorji għall-IKK

L-IED ġabret id-dispożizzjonijiet dwar l-IKK f'qafas issimplifikat u konsistenti. Biex tiffaċilita t-tranżizzjoni għal dawn, l-IED fiha żewġ tipi ewlenin ta' flessibilità li jiddevjaw mir-rekwiżiti ġenerali:

- **Pjanijiet Nazzjonali Tranżitorji (TNPs)** – It-TNPs huma stabbiliti fil-livell tal-Istati Membri. L-impjanti inklużi fit-TNP ta' Stat Membru huma soġġetti għal limitu massimu globali tal-emissjonijiet (li jonqos b'mod lineari bejn l-2016 u nofs l-2020). Matul dan iż-żmien, l-impjanti affettwati xorta waħda jridu jirrispettaw il-VLE tal-LCPD. Din il-flessibilità tipprovdi iktar żmien (sa nofs l-2020) għall-impjanti affettwati kollha biex jikkonformaw mal-VLE tal-IED kif ukoll flessibilità fir-rigward tal-mod kif l-investimenti neċessarji għall-aġġornar jinġiebu konformi. Bħala riżultat ta' dan, hu mistenni li se jkunu tnaqqsu l-kostijiet tal-konformità u sfidi oħra. Din l-għażla ntużat minn 15-il Stat Membru.
- **Derogi għal tul ta' ħajja limitat** – Din il-flessibilità tqis sitwazzjonijiet li fihom l-impjanti jkunu waslu lejn it-tmiem tat-tul tal-ħajja tagħhom u b'hekk ma jkunx

[22] https://www.impel.eu/topics/industry-air/

ekonomiku li dawn jiġu mmodifikati b'mod retroattiv biex jikkonformaw mal-VLE tal-IED. Din tippermetti li impjant eżistenti jkompli jopera għal numru limitat ta' sigħat operazzjonali (mhux iktar minn 17 500 siegħa) mingħajr investimenti addizzjonali sa tmiem l-2023 filwaqt li jikkonforma mal-VLE tal-LCPD. Meta tintemm id-deroga għal tul ta' ħajja limitata, l-impjant irid jingħalaq jew jiġi aġġornat biex jissodisfa l-kundizzjonijiet għal impjant ġdid. Id-derogi għal tul ta' ħajja limitata jintużaw minn 24 Stat Membru. Possibbiltà estremament limitata ppermettiet biex il-limitu jkun ta' 32 000 siegħa meta impjant ikun jissodisfa sett ta' erba' kriterji stabbiliti fl-IED.

Mill-2017, l-Istati Membri se jirrapportaw ta' kull sena data għal kull impjant li tippermetti lill-Kummissjoni tissorvelja l-użu korrett ta' dawn id-dispożizzjonijiet. Il-listi finali tal-LCPs li jużaw id-diversi flessibilitajiet huma ppubblikati fuq CIRCABC[23].

### v. Innovazzjoni

L-Artikolu 27 tal-IED jeħtieġ li l-Istati Membri jħeġġu l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' tekniki emerġenti u li l-Kummissjoni tistabbilixxi gwida li tassisti lill-Istati Membri f'dan. Għaldaqstant, f'kull BREF hemm taqsima dwar it-"tekniki emerġenti".

L-issettjar tal-VLE fuq il-bażi tal-BAT u l-ġeneralizzazzjoni ta' din f'settur industrijali sħiħ se jfissru li jinħoloq suq fuq skala ikbar għall-BAT rilevanti. Dan għandu jnaqqas il-kostijiet u jippermetti li l-benefiċċji jinkisbu b'mod iktar kosteffiċjenti.

Jinkisbu wkoll opportunitajiet kummerċjali għal kumpaniji li jipprovdu tekniki ta' tnaqqis tal-emissjonijiet peress li dawn ser ikunu jistgħu jbigħu fi swieq ikbar jekk it-tekniki tagħhom jipprovdu prestazzjoni tal-BAT. Peress li l-BAT qed tintuża dejjem iktar fuq skala globali, dawn l-opportunitajiet jeżistu madwar id-dinja kollha.

Jistgħu jkunu possibbli sinerġiji ma' programmi oħra bħall-proġetti LIFE[24]. Qed isiru sforzi biex jiġi vverifikat li l-proġetti LIFE rilevanti jippromwovu tekniki avvanzati u biex jiġi żgurat li d-dimostrazzjonijiet li jirnexxu jikkontribwixxu lura għall-proċess ta' rieżami tal-BREF.

Il-Kummissjoni hi interessata li tifhem aktar fil-fond dawn l-effetti kollha u, għalhekk, qed tippjana li tkompli taħdem f'dan il-qasam, b'mod partikolari billi tittestja osservatorju tal-innovazzjoni.

### vi. L-espansjoni tal-bażi ta' għarfien

Il-Kummissjoni qed tkompli tiżviluppa l-għarfien tagħha dwar l-impatti ambjentali tas-setturi industrijali koperti mill-IED. Dan jgħin biex jiġi appoġġjat il-fehim dwar fuq liema oqsma jenħtieġ li jinxteħet fokus kif ukoll isaħħaħ il-valutazzjoni tal-leġiżlazzjoni. Biex tagħmel dan, il-Kummissjoni qed tfittex l-usa' firxa ta' sorsi ta' informazzjoni possibbli. B'mod partikolari, l-informazzjoni tiġi mingħand:

[23] EUROPA > European Commission>CIRCABC> env > ied > Library > IED Derogations  Lists u EUROPA > European Commission>CIRCABC> env> ied > Library > TNPs

[24] LIFE hu l-istrument finanzjarju tal-UE li jsostni l-proġetti ambjentali, ta' konservazzjoni tan-natura u tal-azzjoni klimatika fl-UE kollha. http://ec.europa.eu/environment/life/

Rapportar mill-Istati Membri

Sors importanti ta' għarfien dwar l-impatti tal-IED ġej direttament mill-Istati Membri permezz tar-rapporti ta' implimentazzjoni formali tagħhom sottomessi lill-Kummissjoni. Dan ir-rapport hu bbażat fuq ir-rapporti tal-Istati Membri sottomessi fl-2014.

Analiżi ta' appoġġ

Il-Kummissjoni għadha qed twettaq valutazzjonijiet approfonditi tas-setturi koperti mill-IED u tal-applikazzjoni u tal-impatti tal-BAT f'dawk is-setturi. Hi lestiet numru ta' analiżijiet fl-aħħar snin biex ittejjeb il-bażi ta' għarfien tagħha. Dawn ir-rapporti ġew ippubblikati fit-tab "Studies" fuq is-sit tal-IED ta' CIRCABC[25].

L-analiżi tikkonferma s-sehem sostanzjali tal-industrija f'ħafna tipi ta' emissjonijiet ta' inkwinanti fl-arja u fl-ilma. Din turi wkoll li kien hemm evoluzzjoni fit-teknoloġiji ta' kontroll tal-emissjonijiet maż-żmien, b'numru ta' tekniki li għamlu progress minn status "emerġenti" għal BAT murija bil-provi.

Fil-ħidma preparatorja għall-Kummissjoni biex tiżviluppa d-Direttiva dwar il-Livelli Massimi Nazzjonali ta' Emissjonijiet, ġie żviluppat approċċ bl-użu tal-emissjonijiet prekursuri ta' $PM_{2.5}$ (jiġifieri $PM_{2.5}$, $SO_2$, $NO_X$, $NH_3$ u VOC primarji) biex jiġi żviluppat kejl tal-impatti ekwivalenti għall-PM fuq il-mortalità prematura minn materja partikolata fina fuq l-iskala tal-UE[26]. Il-Kummissjoni kienet ħejjiet valutazzjoni preliminari tax-xejriet fl-emissjonijiet industrijali, ibbażata fuq ir-rapportar skont l-E-PRTR u fuq iċ-ċifri ekwivalenti għall-PM. Il-graff ta' hawn taħt turi x-xejra fl-emissjonijiet għall-istallazzjonijiet kollha tal-E-PRTR kif ukoll għal-LCPs biss. Filwaqt li din tikkunsidra aspett ambjentali wieħed biss (l-emissjonijiet fl-arja) u subsett biss mill-impatti ta' dan, din xorta waħda turi xejra promettenti[27].




[25] EUROPA > European Commission>CIRCABC> env> ied>Library> studies

[26] http://ec.europa.eu/environment/air/pdf/TSAP-15.pdf

[27] L-emissjonijiet murija huma ċifri totali u ma ġewx innormalizzati biex iqisu t-tibdiliet fil-produzzjoni. Il-Kummissjoni beħsiebha twettaq ħidma ulterjuri biex tiżviluppa indikaturi aħjar tal-progress f'dan il-qasam.

Fir-rigward tal-valutazzjoni tat-tnaqqis ġenerali tal-emissjonijiet mill-konklużjonijiet individwali dwar il-BAT, intwera li hu ferm iktar diffiċli li jintlaħqu konklużjonijiet definittivi. Il-Kummissjoni għadha qed twettaq ħidma analitika f'dan il-qasam u fl-2016 saret sessjoni ta' ħidma mal-partijiet ikkonċernati. Minkejja dan, hu ċar li l-valutazzjonijiet fil-livell tal-UE jistgħu jkunu kemxejn ġenerali biss filwaqt li l-Istati Membri jistgħu jwettqu valutazzjonijiet iktar dettaljati tagħhom stess, u fil-fatt diġà jagħmlu dan.

**vii. L-applikazzjoni internazzjonali tal-BAT**

Fil-kuntest internazzjonali, l-IED, il-BREFs u l-konklużjonijiet dwar il-BAT huma kkunsidrati bħala kontribuzzjoni tal-UE għall-proċess globali mniedi fis-Summit Dinji tal-2002 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli. Dan jippermetti lil pajjiżi mhux Ewropej biex jibbenefikaw huma wkoll minn din il-ħidma ambizzjuża. Pereżempju, ċerti pajjiżi jittraduċu l-BREFs tal-UE għall-użu tagħhom stess.

Iktar ma jintużaw b'mod mifrux il-kunċetti tal-BAT fil-kontroll ambjentali, iktar tikber il-bażi ta' riżorsi u ta' evidenza għat-teħid ta' deċiżjonijiet u għall-identifikazzjoni tal-BAT u b'hekk iktar ma jkunu kbar il-forzi konsegwenti tas-suq li se jiżviluppaw għall-produzzjoni, għall-iskjerament u għat-titjib tal-BAT. Użu internazzjonali usa' ta' approċċi bħall-BAT ser iwassal ukoll għal kundizzjonijiet kompetittivi iktar armonizzati. Il-pajjiżi jonfqu riżorsi sinifikanti fl-implimentazzjoni, fir-rieżami u fl-aġġornament tal-informazzjoni dwar prattiki u teknoloġiji industrijali avvanzati għall-prevenzjoni u għall-kontroll tat-tniġġis u għalhekk ikun siewi li tiġi żgurata fertilizzazzjoni kroċjata tal-għarfien u tal-prattiki.

Fid-dawl ta' dan, qasam wieħed mill-ħidma tal-Kummissjoni relatata mal-IED kien l-għoti ta' appoġġ lil organizzazzjonijiet f'partijiet oħra tad-dinja li jużaw il-BAT, jew li huma interessati fiha, u li taqsam l-informazzjoni u l-esperjenza magħhom. Il-Kummissjoni appoġġjat il-ħidma li għaddejja f'Iżrael, fir-Russja u fil-Korea t'Isfel hekk kif dawn qed ifittxu li jiżviluppaw reġimi għall-permessi industrijali li fil-parti l-kbira huma bbażati fuq l-approċċi tal-UE dwar il-BAT u l-BREF. Il-Kummissjoni appoġġjat ukoll lill-Komunità tal-Enerġija[28] fil-passi li ħadet biex timplimenta l-għanijiet ambjentali tal-IED għal Impjanti Kbar tal-Kombustjoni.

Bl-għan li tilħaq udjenza usa', il-Kummissjoni tappoġġja wkoll proġett tal-OECD[29] f'dan il-qasam u tappoġġja l-użu tal-kunċett tal-BAT fi ftehimiet ambjentali multilaterali (eż. il-Konvenzjoni ta' Minamata).

## 4. Konklużjonijiet

Dan ir-rapport jagħti l-ewwel ħarsa ġenerali tal-Kummissjoni lejn l-implimentazzjoni tal-IED u lejn l-attivitajiet kurrenti tagħha. Il-Kummissjoni tislet numru ta' konklużjonijiet mill-informazzjoni pprovduta:

- L-IED hi eżempju tajjeb ta' regolamentazzjoni aħjar. Din għaqqdet u ssimplifikat 7 siltiet ta' leġiżlazzjoni tal-UE u ħolqot proċess kemxejn uniku, ferm trasparenti u kollaborattiv għat-tħejjija tal-BREFs;
- Filwaqt li għadu kmieni wisq biex jiġu analizzati r-riżultati prattiċi tat-tibdil lejn l-IED, il-progress hu inkoraġġanti;
- Ix-xejriet fl-emissjonijiet industrijali jidhru promettenti;

[28] https://www.energy-community.org/
[29] http://www.oecd.org/chemicalsafety/risk-management/best-available-techniques.htm

- Il-fokus tal-Kummissjoni fl-4 snin li jmiss hu fuq il-finalizzazzjoni tal-konklużjonijiet tal-BAT għas-setturi industrijali kollha, fuq il-monitoraġġ tal-użu tal-flessibilitajiet tal-IKK u fuq l-għoti ta' appoġġ proattiv lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni.

Minbarra li tkompli bl-attivitajiet deskritti f'dan ir-rapport, il-Kummissjoni tikkunsidra li hu xieraq li jiġi rifless fuq kif il-ħidma fuq l-implimentazzjoni tal-IED jenħtieġ li tevolvi fit-terminu itwal u f'liema waqt ikun xieraq li jitqiesu l-kisbiet u li jiġi kkunsidrat il-lok għat-titjib. Sal-2020, il-Kummissjoni se tkun irċiviet rapporti oħra mingħand l-Istati Membri u ser ikunu ġew adottati ħafna mill-konklużjonijiet dwar il-BAT. Barra minn hekk, ħafna mill-arranġamenti tranżitorji tal-IKK ser ikunu waslu għall-iskadenzi finali tagħhom. Dan ikun jidher bħala żmien xieraq biex tiġi kkunsidrata t-tnedija ta' evalwazzjoni sħiħa tal-IED.